MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 364/2002/1

**Stephen Camilleri**

**vs**

**Susan Camilleri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata l-1 ta’ April 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta’ Dicembru 1995 (Dok. “A”);

Illi l-hajja konjugali giet reza mpossibbli minhabba abbandun, sevizzi, ngurji gravi u theddid kommessi mill-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur kif ukoll minhabba nkompatibbilta` ta’ karattru;

Illi miz-zwieg twieled tifel, *ossia* Kyle, li ghadu minuri skond ma jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid immarkat Dok. “B”;

Illi l-attur kien awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 14 ta’ Marzu 2002 (Dok. “C”);

Illi ghalhekk, l-istess attur talab lill-Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Micallef u dan minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, fosthom abbandun, sevizzi, ngurji gravi u theddid kommessi mill-konvenuta fil-konfront ta’ l-attur kif ukoll minhabba nkompatibbilta` ta’ karattru.

2. Takkorda lill-attur il-kura u kustodja tat-tifel minuri, Kyle;

3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom l-**artikolu 48 tal-Kap 16**;

4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, *occorrendo* billi tinnomina periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenuta f’kaz ta’ bzonn;

6. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-propjeta` kollha tieghu u parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 *et seq.* tal-process;

Rat ir-rikors (1) tal-konvenuta datat 21 ta’ Mejju 2002 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 22 ta’ Mejju 2002.

Rat ir-rikors (2) tal-konvenuta datat 21 ta’ Mejju 2002 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 8 ta’ Awwissu 2002 fejn gie kkonfermat id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 14 ta’ Marzu 2002 dwar manteniment ghall-konvenuta u ghall-uliedha fl-ammont ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) fis-sena.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 21 ta’ Mejju 2002 fejn hija tat ruhha notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 21 ta’ Mejju 2002 a fol. 29 tal-process fejn ecceppiet:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur *stante* illi z-zwieg bejn il-partijiet kontendenti tkisser irrimedjabbilment minhabba htija imputabbli lill-attur, u dan *in vista* tal-hajja adultera li qed jghix l-istess attur, kif ukoll *stante* vjolenza, theddid, mohqrija u ngurji gravi da parti ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenuta, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 30 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol.30 tal-process.

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuta a fol. 31 tal-process fejn ippremettiet:-

Illi l-partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fit-23 ta’ Dicembru 1995, minn liema zwieg twieled tifel, u cjoe` l-minurr, Kyle Camilleri; u

Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet kontendenti tkissret irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenut, u cjoe` li l-attur rikonvenut qed jghix hajja adultera, kif ukoll irrenda ruhu hati ta’ vjolenza, mohqrija, theddid u ngurji gravi fil-konfront tal-konvenuta rikonvenjenti; u

Illi l-konvenuta rikonvenjenti giet awtorizzata mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti permezz ta' Digriet Numru 416/02 u tixtieq titlob separazzjoni personali minn ma' zewgha, l-attur rikonvenut;

Illi l-konvenuta rikonvenjenti pprezentat kontestwalment rikors sabiex tigi mahtura kuratrici *ad litem* ta' binhom minuri;

Illi ghalhekk, l-istess konvenuta talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-attur rikonvenut, b'mod partikolari *stante* li qed jghix hajja adultera, kif ukoll illi rrenda ruhu hati ta' vjolenza, mohqrija, theddid u ngurji gravi fil-konfront tal-konvenuta rikonvenjenti;

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri, Kyle Camilleri tigi fdata esklussivament f'idejn il-konvenuta rikonvenjenti, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrizerva favur l-attur rikonvenut, taht dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni;

3. Tikkundanna lill-attur rikonvenut sabiex ihallas lill-konvenuta rikonvenjenti, u dan ghaliha u ghall-minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-istess Qorti;

4. Tapplika favur il-konvenuta rikonvenjenti in kwantu applikabbli ghaliha l-effetti ta' l-**artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-konvenuta

rikonvenjenti u l-ohra lill-attur rikonvenut, *occorrendo* bl-opera ta' Periti nominandi;

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-attur rikonvenut jikkonsenja lill-konvenuta rikonvenjenti tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

8. Tawtorizza lill-konvenuta rikonvenjenti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku, s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur rikonvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista ta' xhieda anness mal-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 33 u 34 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-attur (3) datat 19 ta' Gunju 2002 fejn l-istess talba li jigu ffisati hinijiet u granet ghall-access tieghu mal-minuri.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata 12 ta' Lulju 2002 a fol. 41 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attur fejn issugerixxa hinijiet ghall-access tieghu ghall-minuri, tali nota datata 26 ta' Lulju 2002 a fol. 38 tal-process.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 17 ta' Lulju 2002 u dak tat-8 ta' Awissu 2002 fejn wara li rat in-noti tal-partijiet iffissat l-access ta' l-attur ghall-minuri fil-granet li jkun *"rest"* u *"off"* skond in-nota tieghu mit-3.30.p.m. sas-7.30.p.m., ghal darbtejn fil-gimgha, dan li jekk gurnata jew granet minnhom ikun *weekend*, darba is-Sibt u darba l-Hadd, l-access ikun mill-10.00.a.m. sal-5.00.p.m. u l-minuri jingabru u jingiebu lura mid-dar tal-konvenuta.
Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Ottubru 2002 fejn l-attur ta tuhhu notifikat bil-kontro-talba tal-konvenuta u nghata

digriet ta’ l-affidavits tal-partijiet u xehed l-attur msejjah mill-Qorti. L-attur gie ordnat ihallas, fi zmien hmistax (15) il-gurnata, l-kont tad-dawl u tat-telefon li gew esebiti mill-konvenuta bhala Dok. “AF1”, Dok. “AF2” u Dok. “AF3”. Dr. Camilleri ddikjara li hlief ghall-affidavits ma kellux provi iktar. Gie nominat Dr. Kenneth Gulia sabiex wara t-terminu ta’ l-affidavits jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-partijiet u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-8 ta’ April 2003.

Rat ir-rikors (4) ta’ l-attur datat 15 ta’ Ottubru 2002 (a fol. 55) fejn l-attur talab li jigi nominat *social worker* u sabiex jigi huwa akkordat bil-kura u kustodja tal-minuri jew alternattivament izid il-hinijiet ta’ access.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti fejn cahdet it-talba ta’ l-attur, tali digriet datat 17 ta’ Ottubru 2002.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur datata 16 ta’ Ottubru 2002 ghall-kontro-talba tal-konvenuta fejn eccepixxa:-

1. Illi huwa jaqbel li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali pero` mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-attur izda ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta;

2. Illi huwa jopponi ghat-tieni talba u in effetti, wahda mit-talbiet tieghu fic-citazzjoni, hija precizament li jinghata lilu l-kura u kustodja tal-minuri u dan ghall-gid ta’ l-istess minuri;

3. Illi l-attur ma jipponix ghat-tielet talba *purche* illi din tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz kif jirriflettihom tajjeb dan id-digriet tas-Sekond’Awla li hemm vigenti sa llum, liema cirkostanzi inkludu l-introjtu ta’ l-attur, u l-kapacita` tal-konvenuta li tahdem;

4. Illi huwa jopponi ghar-raba` talba *stante* illi s-sanzjonijiet ta’ l-**artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16** ghandhom jigu applikati kontra l-konvenuta *stante* li hija kienet kagun tal-firda;

5. Illi huwa ma jopponix ghall-hames talba u ghas-sitt talba;

6. Illi huwa jopponi ghas-seba` talba *stante* illi l-konvenuta m'ghandha l-ebda beni dotali u parafernali fil-pussess ta' l-attur;

7. Illi huwa ma jopponix ghat-tmien talba.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 59 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur a fol. 60 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur datata 16 ta' Ottubru 2002 fejn informa lill-Qorti li huwa hallas il-kontijiet tad-dawl u ilma li gie ordnat ihallas b'digriet ta' din il-Qorti, gja fuq indikat.

Rat in-nota ta' l-attur datata 16 ta' Ottubru 2002 fejn esebixxa l-affidavit tieghu datat 24 ta' Lulju 2002; affidavit ta' Carmel Camilleri, missier l-attur datat 18 ta' Lulju 2002; affidavit ta' Jacqueline Zammit datat l-1 ta' Awissu 2002 u affidavit ta' Stephen Agius datat 24 ta' Lulju 2002 lkoll minn fol. 66 sa fol. 86 tal-process.

Rat ir-rikors (5) tal-konvenuta datat 6 ta' Novembru 2002 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 18 ta' Novembru 2002, fejn gie indikat li meta l-access ikun fil-*weekend* dan ghandu jkun gurnata s-Sibt jew gurnata l-Hadd u mhux jumejn f'daqqa.

Rat ir-rikors ta' l-attur (6) datat 19 ta' Novembru 2002 fejn l-attur talab li jigi nnominat *social worker* u li l-istess attur jigi akkordat l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri, wild il-kontendenti.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Novembru 2002;

Rat id-digriet taghha datat 18 ta' Novembru 2003 fejn Dr. Raymond Parascandolo gie nominat sabiex jezamina lil-minuri fizikament u jirrelata dwar l-istat attwali ta' sahhtu, a spejjez provizzjorjament attrici.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (7) datat 10 ta’ Dicembru 2002 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 11 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha ta’ l-10 ta’ Ottubru 2002.

Rat in-nota tal-konvenuta fejn din esebiet l-affidavit taghha datat 10 ta’ Dicembru 2002; tghid li pprezentat ukoll l-affidavit t’ommha Carmen Borg, izda ma’ l-istess nota ma’ kienx hemm l-istess affidavit.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 11 ta’ Frar 2003 fejn irrizerva l-kontro-ezami tal-konvenuta.

Rat is-seduti quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia tat-22 ta’ Novembru 2002 u tat-3 ta’ Dicembru 2002, ta’ l-10 ta’ Dicembru 2002 u ta’ l-10 ta’ Marzu 2003 fejn ma sar xejn (a fol.102 u 103).

Rat is-seduta tat-18 ta’ Marzu 2003 fejn xehed Darren Borg, hu l-konvenuta, xhieda li setghet saret bl-affidavit; xehdet ukoll Natasha Baldacchino; tat-19 ta’ Mejju 2003 fejn xehdet il-konvenuta u tat-30 ta’ Ottubru 2003 fejn xehed Dr. John Mifsud.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 18 ta’ Marzu 2003 fejn l-konvenuta esebit l-affidavit t’ommha Carmen Borg tali affidavit datat 18 ta’ Marzu 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (8) datat 21 ta’ Marzu 2003 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 24 ta’ Marzu 2003 u l-verbal tas-seduta tat-8 ta’ April 2003.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 8 ta’ April 2003 fejn Dr. Anglu Farrugia ghall-konvenuta gie awtorizzat jirtira l-*video* sabiex jaghmel kopja tieghu lill-kontro-parti, u l-kawza thalliet ghall-finali trattazzjoni ghall-11 ta’ Gunju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (9) datat 23 ta’ April 2003 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 19 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (10) datat 15 ta’ Mejju 2003 u d-digrieti ta’ din il-Qorti datati 15 ta’ Mejju 2003 u 19 ta’ Mejju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (11) datat 27 ta’ Mejju 2003 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 18 ta’ Novembru 2003 skond il-verbal ta’ l-istess data tas-seduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Gunju 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenuta (12) datat 9 ta’ Lulju 2003 u rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 10 ta’ Lulju 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (13) datat 21 ta’ Lulju 2003 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 5 ta’ Awissu 2003.

Rat ir-rikors iehor ta’ l-attur (14) datat 12 ta’ Awissu 2003 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 13 ta’ Awissu 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (15) datat 20 ta’ Awissu 2003 u r-risposta datata 10 ta’ Ottubru 2003 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 13 ta’ Ottubru 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenuta (16) datat 12 ta’ Settembru 2003 u d-digriet taghha datat 18 ta’ Novembru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Novembru 2003 fejn il-Qorti iddisponiet u ddegretat ir-rikorsi tal-15 ta’ Jannar 2003, tad-19 ta’ Novembru 2003, tat-12 ta’ Settembru 2003, u r-rikors tal-konvenuta datat 6 ta’ Novembru 2002 u gie nominat Dr. Raymond Parascandolo sabiex jezamina lill-minuri.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Jannar 2004 u 25 ta’ Frar 2004.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (17) datat 13 ta’ Frar 2004 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 18 ta’ Marzu 2004.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-24 ta’ Marzu 2004 fejn Dr. Raymond Parascandolo halef ir-rapport, u l-partijiet qablu li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh u l-konvenuta

kienet qed titlob manteniment ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) ghaliha u ghat-tifel, u l-attur kien qed joffri biss mitt lira Maltija (Lm100) ghat-tifel. Iddikjara li jaqla’ tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm388) *basic* u *average overtime* ta’ mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) fix-xahar, u l-partijiet iddikjaraw li ma hemm l-ebda cans li jaslu ghal separazzjoni bonarja. Kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Ottubru 2004.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (18) datat 26 ta’ Dicembru 2003 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 16 ta’ Frar 2004.

Rat ir-rikors ta’ l-attur (19) datat 11 ta’ Gunju 2004 u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 28 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur datata 17 ta’ Mejju 2004;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta datata 11 ta’ Awissu 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. MERTU TAL-KAWZA.</u>**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attur qed jallega li l-hajja mizzewga giet reza mpossibbli minhabba abbandun, sevizzi, ngurji gravi u theddid kommessi mill-konvenuta fil-konfront tieghu, kif ukoll minhabba nkompatibbilta’ ta’ karattru.
Illi l-konvenuta minn naha taghha, eccepiet li l-hajja mizzewga bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment minhabba htija mputabbli lill-attur *in vista* tal-hajja adultera li qed jghix, kif ukoll *stante* vjolenza, theddid, mohqrija u ngurji gravi da parti tieghu fil-konfront taghha.

Illi hija pprezentat ukoll kontro-talba fejn qed issostni dak li qalet fl-eccezzjonijiet taghha. Minn naha tieghu l-attur ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba fejn

eccepixxa fejn kien qed jopponi jew jaqbel mat-talbiet fil-kontro-talba. Dawn se jigu trattati aktar ‘il quddiem.

**III. PROVI PRODOTTI.**

Illi fl-affidavit tieghu l-**attur** xehed li huwa kien iltaqa’ mal-konvenuta tmien (8) snin qabel iz-zwieg. Tlett (3) snin qabel ma zzewgu xtraw il-fond matrimonjali flimkien gebel u saqaf. Xtrawh bejn tnejn pero’ elf lira Maltija (Lm1,000) minn sehemu sellifomlu missieru. Sad-data tat-tieg il-post lestewh kemm ikunu jistghu jidhlu fih. Huwa hadem hafna fih pero’ l-ispejjez biex lestewh thallsu bejniethom. Huwa elenka mbaghad id-diversi mobbli li nxtraw.

Illi huwa xehed li kien ilu jahdem mal-Gvern bhala *health assistant* fl-Isptar St. Lukes minn mindu kellu sbatax (17)-il sena. Wara hames xhur miz-zwieg il-mara harget tqila u waqfet tahdem. Huwa qal li f’dan iz-zmien kien diga’ qed jinhass hafna l-indhil ta’ omm martu fl-affarijiet taghhom. Irrefera kemm ghall-post li kienu se jixtru f’Hal Ghaxaq u li kellhom ihassru l-konvenju ghax ommha ma riditx li jmorru joqoghdu hemm; kif ukoll ghall-kwistjoni dwar min kien se joqghod parrinu ghat-tarbija taghhom Kyle.

Illi, dejjem skond l-attur, wara li twieled it-tifel martu bdiet tilmenta bid-*depression*. Huwa zied xoghol *part-time*. Meta kien imur lura d-dar kien isajjar. L-attur sostna li ghalkemm hija kienet tkun id-dar ma kinitx issajjar. It-tifel kien iqatta’ aktar hin mal-genituri tieghu milli ma’ martu. Huwa kompla li sar jaf li martu kienet ilha tbati bid-*depression* u kienet taht il-kura sa minn hames (5) snin qabel it-tieg. Dan huwa ma kienx jaf bih.

Illi huwa xehed li kien jghinha hafna lil martu. Semma diversi affarijiet li xtara u li anke kien ghamel dejn ma’ missieru. Illi mbaghad f’Novembru 2000 bidel il-*job* u mar ma’ l-ambulanzi fejn beda` jahdem bix-*shifts* u zied fil-paga. Ghadu jahdem hekk sa llum. Il-paga tieghu bl-*overtime* b’kollox kienet tkun madwar hames mija u hamsin lira Maltija (Lm550) fix-xahar. Dawn kien jghaddihom lil martu u hija qatt ma faddlet xejn.

Illi problema ohra bejniethom kienet li martu tissuspetta esageratament fih u dejjem ticcekkja l-passi tieghu. *Inoltre* hija spiccat li ma riditx tohrog mid-dar aktar u kienet il-hin kollu go rokna d-dar tibki u l-hin kollu tghid li riedet tikkommetti suwicidju. Meta qalilha biex ikollhom aktar tfal hija ma riditx.

Illi huma kienu marru kemm-il darba ghand specjalisti biex jikkurawha u tawha xi pinnoli u anke pariri ohra biex tohrog mill-problema izda hija ma kinitx segwiethom. Fix-xhieda tieghu allega wkoll li hija kienet irresponsabbli mat-tifel. *Inoltre* qal li l-hajja ntima ta’ bejniethom kienet anke waqfet.

Illi huwa qal li darba fetah qalbu ma’ habib tieghu, Stephen Agius, dwar il-problemi matrimonjali u dan kien heggu biex jirranga l-affarijiet. Kien tah hafna karti zghar b’messaggi ta’ mhabba li kienet kitbitlu l-gharusa tieghu. Tahomlu biex jigbed lura lil martu lejh izda huwa m’uzahomx u hallihom fil-karozza. Darba minnhom sabithom martu u akkuzatu li kellu wicc haddiehor. Imbaghad fuq il-parir t’ommha la bdiet tahsillu hwejjeg u lanqas issajjar. Wara sar jaf li nkarigat xi *private investigators* biex isegwuh.

Illi apparti dan kollu semma’ li kien hemm xi ncidenti vjolenti bejnu u l-familjari tieghu mal-mara u mal-familjari taghha li bdew minn naha tal-mara u l-familjari taghha.

Illi missier l-attur, **Stephen Camilleri,** xehed li omm l-attrici kienet indahlet dwar fejn kellhom imorru joqoghdu wara z-zwieg. Huwa kien anke sellfu xi flus. It-tifel dejjem hadem. Huwa qal li hadu hafna pjacir bit-twelid tat-tarbija u qal li kien inqala’ l-inkwiet dwar min kienu se jkunu l-parrini ghax ommha u missierha riedu joqghodu huma akkost ta’ kollox. Huwa qal li t-tifel kien jghaddi hafna hin ghandu. Kien icempillu biex ifakkru biex ighaddi ghalih. Kien jibqa’ ghandu sa filghaxija u gieli raqad ghandu wkoll.

Illi huwa jaf li ibnu u martu xtraw xi affarijiet u li huwa kien silef lil ibnu erbat elef u tmien mitt lira Maltija (Lm4,800) li minnhom thallas biss xi haga zghira. Huwa xehed li l-

konvenuta kienet dejjem tgorr. Huwa nnota li kienet tiddependi hafna fuq ommha u kienet ittiha mportanza zejda. Darba minnhom kienet tkellmet fis-sens illi tikkommetti suwicidju pero' ma taghmilhiex minhabba ommha.

Illi huwa qal li sar jaf bl-inkwiet fiz-zwieg taghhom fil-bidu tas-sena 2002. Illi wara li mart Stephen sabet l-ittri fil-karozza ta' zewgha cemplitlu biex tghidlu u dakinhar iltaqghu l-genituri tat-tnejn li huma ghand il-kontendenti. It-tifel tieghu beda` jilmenta li martu ma kinitx issajjar u ma kienet taghmel xejn fid-dar ghalkemm ma kinitx tahdem. Il-konvenuta ghazlet li toqghod fuq il-parir t'ommha. Minn hemm l-konvenuta bdiet taqta' mid-dar u bdiet tkun dejjem ghand ommha. Minhabba f'hekk it-tifel beda` jqatta' aktar hin ghandu u jkunu d-dar biss biex jorqdu.

Illi **Jacqueline Zammit,** oht l-attur, xehdet li hija tiddeskrivi lill-konvenuta bhala *an unfit mother*. Hija fost hafna affarijiet semmiet li l-konvenuta kienet thalli lit-tifel juza' l-*cooker nonostante* l-eta' zghira tieghu. Hija kompliet li dan it-tifel trabba mal-genituri taghha ghax kien ikun granet shah sa tard filghaxija ghandhom. Ommu qatt ma kellha karezzi mieghu. Hija xehdet ukoll li l-konvenuta kienet issawwat lit-tifel go daru u go rasu u dan anke quddiemha u quddiem il-genituri taghha. Hija ma kinitx tahseb ghat-tifel biex issajjarlu ghax kienet isserrah fuq il-genituri ta' zewgha.

Illi mit-twelid tat-tifel hija dejjem tiftakar lil mart Stephen tbati bid-*depression*. Hija qalet li l-konvenuta hija persuna li ma tkun grata ghal xejn u li tghir esageratament ghal zewgha. Kienet tkun tridu maghha l-hin kollu pero' ma kinitx tkun trid tohrog. Gieli stqarret maghha hsieb li tikkometti suwicidju u li ma kinitx taghmilha minhabba ommha. Ix-xhud kompliet li l-konvenuta kienet influwenzata hafna minn ommha.

Illi hija rreferiet ghal xi ncident li gara bejn il-familjari taz-zewg partijiet fit-12 ta' Frar 2002 li skond hija kien ikkagunat mill-mara u l-familjari taghha. Hija qalet li taf li huha ssellef xi flus minghand missierha. Qalet ukoll li l-

konvenuta kull m'hi qed tippreparalu lit-tifel huwa *fast food* biss.

Illi **Stephen Agius** xehed li l-attur huwa habib tieghu u li kien fetah qalbu mieghu. Huwa kkonferma li l-messaggi bil-kitba ta' mhabba li kienu misjuba minn mart l-attur fil-karozza kienu tieghu u kien tahom lill-attur biex jiehu xi idea.

Illi l-konvenuta, **Susan Camilleri,** spjegat li l-post ta' Hal Ghaxaq, l-ewwel post li kienet se tixtri ma' l-attur, ma nxtarax ghal ragunijiet differenti milli ntqal fil-provi attrici cjoe' l-influwenza t'ommha. Hija xehdet li l-inkwiet taghha ma' zewgha beda` fis-sena 2000. Huwa kien jahdem bhala *maintenance worker* fl-Isptar St.Luke's u kellu *part-time job* mal-S.G.S Thompson mit-3.00p.m. sas-1.30a.m. mit-Tnejn sal-Gimgha. Huwa beda` jdum jmur lura d-dar tard hafna ta' spiss. Bdiet issiblu *telephone numbers* fil-basket tax-xoghol tieghu kemm ta' nisa kif ukoll ta' rgiel. Beda` anke jidhol xoghol fil-*weekend* u dan b'certu herqa. Sussegwentement l-isptar bidel ix-xoghol u beda` jahdem bix-*shift* anke jekk hija ma xtaqitx li jsir hekk izda huwa qalilha li bix-*shift* ikun ahjar ghax ikollhom aktar hin flimkien. Izda anke fil-granet ta' l-*off* beda` jidhol u ghalhekk milli weghdha ma gara xejn.

Illi f'dan iz-zmien bdew jigughha hafna hsiebijiet hziena fuq l-eghmil ta' zewgha u sahhitha marret lura. It-Tabib ordnalha xi pilloli u bdiet anke tmur *counselling*. Xi drabi kien imur maghha, drabi ohra le. Ghalkemm inghataw il-parir li biex jghinha kellhom iqattghu aktar hin flimkien ma sar xejn minn dan. Hrug xejn hlief ghand il-genituri taghhom u komunikazzjoni ta' xejn. Huwa kien anke qalilha li ma kienx ghadu jhobbha bhal qabel u li xtaq imur jghix ghal rasu. B'hekk kompliet tissuspetta aktar. Kien jircievi hafna messaggi fuq il-*mobile* tieghu u meta kienet tistaqsih min huwa kien wegibha li ma kienx affari taghha jew li kien siehbu.

Illi hija spjegat li fl-1 ta' Jannar 2002 sabet diversi *love letters*, cikkulata, baci, fwieha u kaxxa ta' rigal fil-karozza tieghu. Meta kkonfrontatu huwa cahad li kellu xi mara

ohra. Huwa gharrafha li ma kienx se jibqa' jghix maghha u mat-tifel. Hija rceviet ittra minghand l-avukat tieghu li infurmatha li ried jinfired minnha. Huma baqghu jghixu taht l-istess saqaf izda komunikazzjoni bejniethom xejn. Hija xehdet li taf li ghandu wicc haddiehor u gieli rathom fil-karozza flimkien. Illi kuntrarjament ghal dak li xehed l-attur l-incident li nqala' fil-*birthday* tat-tifel kien kagunat minhabba li zewgha hebb ghaliha.

Illi hija qalet li zewgha qatt ma riedha tmur tahdem. Lit-tifel taghhom dejjem hadet hsiebu hija f'kollox u ghadha taghmel hekk sa llum. Zewgha qatt ma wera nteress kbir fit-tifel. Huwa kien iqatta' hafna aktar hin ix-xoghol milli d-dar u meta kien ikun id-dar ma kienx joqghod mieghu.

Illi xi drabi t-tifel kien imur ghand il-genituri ta' Stephen izda dan aktar biex izommilhom kumpanija. Hija qatt ma qabdithom jew obbligathom biex izommuh. Illi hija qalet li kemm Stephen, kif ukoll il-familja tieghu, kienu jghajjtu mieghu u minhabba dan it-trattament, it-tifel qed ibati u dan jidher fil-komportament tieghu tant li kellha tiehdu ghall-*counselling.*

Illi *nonostante* d-digriet tas-Sekond'Awla biex jaghtiha manteniment ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha, huwa ghamel zmien jaghtiha biss ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha. Saret tiehu l-ammont kollu dovut minhabba digriet tal-Qorti biex il-manteniment jinqata' drettament mill-paga tieghu. Hija qed tippretendi nofs il-paga tieghu minhabba li hija tiehu hsieb lit-tifel u d-diversi kontijiet u spejjez. Hija qalet li zewgha, meta kienu flimkien, kien jonfoq il-flus fil-loghob tal-lottu u loghob iehor.

Illi hija spjegat f'hiex tikkonsisti l-komunjoni ta' l-akkwisti u rreferiet ghal xi affarijiet li kienu mixtrija minn ommha qabel iz-zwieg.

Illi *viva voce* xehdet li hija kienet waqghet f'*depression* l-aktar f'dik is-sena meta kellha suspetti li zewgha kellu mara ohra. Hija qalet li fis-sena 2001 kienet *out-patient Psychiatric Ward* kagun tal-kwistjonijiet ta' bejniethom.

Huwa minnu li riedu jzommuha gimgha *psychiatric ward* pero' m'accettatx.

Illi hija qalet li t-tifel kellu bzonn kura u r-ragel hadu ghand Tabib li tah xi mistura pero' hija m'hiex se ttihielu. It-tifel haduh wkoll ghand Psikologista li ma qalx li jrid jiehu mistura izda li wiehed irid jara.

Illi in ri-ezami qalet li hajjithom kienet li minn filghodu sa tard filghaxija zewgha kien ikun dejjem xoghol. Hija u t-tifel dejjem wahedhom. Dejjem bla flus u f'nofs ix-xahar tispicca l-paga. Id-*disorders* tat-tifel bdew meta bdew ix-xenati u beda` jsawwatha u t-tifel qatt ma rahom jaghmlu hekk. Fiz-zwieg kien sawwatha darba pero' m'ghamlitx certifikat tat-Tabib. Meta sawwatha fiz-zmien is-separazzjoni hija ghamlet certifikat.

Illi **Darren Borg,** hu l-attrici, xehed li huwa raha darbtejn lill-attur ma' Natasha Baldacchino fil-karozza ta' l-attur. Il-kwistjonijiet bejn Stephen u Susan kienu diga' bdew meta rahom.

Illi **Natasha Baldacchino** xehdet li ilha taf lill-attur kemm ilha tahdem l-isptar. Hija qalet li ilha f'relazzjoni mieghu mill-ahhar ta' Frar 2002. Hija kienet tohrog mieghu bhala relazzjoni normali. Mhux qed tghix mieghu u kellha x'taqsam mieghu sesswalment minn wara Frar 2002. Hija cahdet li l-ittri esebiti bhala Dok. "NB1" sa "NB7" kitbithom hija.

Illi omm l-konvenuta, **Carmen Borg,** xehdet li hija qatt ma kellha problemi ma' Stephen. Spjegat kif waslu biex jixtru l-fond matrimonjali. Ikkonfermat li kien inqala' l-inkwiet fuq min kien se joqghod parrinu ghall-maghmudija tat-tifel. L-attur qatt ma lmenta fuq martu maghha. Minn naha taghha bintha qatt ma qaltilha li zewgha gieli refa' jdejh fuqha u saret taf minn kemm ilhom bl-inkwiet.

Illi fis-Sajf 2001, bintha kienet imdejjqa hafna minhabba l-inkwiet matrimonjali u ghalhekk kellha bzonn tmur ghand Tabib li taha xi medicini. Hija qalet li l-qofol ta' l-inkwiet bejniethom beda` fl-ewwel tas-sena 2002 meta l-

konvenuta sabet fost affarijiet ohra xi ittri fil-karozza ta' zewgha. Dakinhar il-familjari tat-tnejn iltaqghu kollha d-dar ta' l-attur u l-konvenuta. Minn dakinhar huma baqghu jghixu flimkien. Bintha xorta baqghet issajjar u taghmel ix-xoghol tad-dar. Fix-xhieda taghha hija rreferiet ukoll ghall-incident li nqala' f'eghluq snien l-tifel. Ix-xhud cahdet li kienet tindahlilhom. Hija kienet dejjem lesta tghinhom tant li anke flus kienet sellfitilhom.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) Responsabbilita'.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet fejn it-tnejn li huma qed isostnu li l-kawza ta' separazzjoni kienet kawza ta' l-agir tal-parti l-ohra.

Illi fil-fatt jekk wiehed ihares lejn c-citazzjoni attrici jirrizulta li l-attur qed jakkuza lill-martu b'abbandun, sevizzi, ingurji gravi u theddid kommessi mill-konvenuta. Illi sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet jakkuza lill-konvenuta *inter alia* li kienet thalli lil ommha tindahlilha, li l-istess martu kienet tbati minn dipressjoni u kienet tiehu l-kura taghha, ma kinitx tiehu hsieb lill-minuri sew, tant li anke waqt din il-kawza pprezenta numru kbir ta' rikorsi sabiex jiehu l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejh, u jakkuza lil martu li anke minhabba l-kondizzjoni taghha hija kellha hafna suspetti fih, tant li kienet ticcekkja anke ma' shabu fuq ix-xoghol, u kien ultimament dan li wassal sabiex l-istess zwieg jitkisser irremedjabbilment.

Illi din il-Qorti thoss li meta wiehed jikkonsidra bir-reqqa dovuta x-xhieda kollha prodotta mill-attur, u tigi mqabbla max-xhieda kollha prodotta mill-konvenuta, din il-Qorti thoss li l-ebda wahda mill-aggravji proposti mill-attur ma giet effettivament ippruvata, anke ghaliex din il-Qorti thoss li x-xhieda ta' l-attur f'diversi partijiet importanti taghha ma hijiex verosimili.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ser titratta l-allegazzjoni ta' l-attur li l-konvenuta ma kinitx u m'hijiex kapaci tiehu hsieb il-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri, u hawn tirrferi wkoll

ghal sensiela ta’ rikorsi li l-istess attur pprezenta f’dan ir-rigward, u fejn il-Qorti kienet kostretta, anke minhabba l-gravita’ ta’ l-akkuzi, li tinnomina espert mediku sabiex jezamina lill-istess minuri, u fil-fatt mir-rapport ta’ l-istess espert mediku instab li l-istess minuri huwa f’kondizzjoni tajba ta’ sahha u kkonkluda li *“jiena ma sibt l-ebda sinjali li jistghu jindikaw li huwa qieghed isofri fizikament b’konsegwenza ta’ traskuragini fit-trobbija tieghu. Kyle Deemer huwa tifel fizikament normali u jinsab f’kundizzjoni fizika tajba hafna”.*

Illi dan ma jfissirx li kollox huwa ward u zaghar, u lanqas din il-Qorti tippretendi li jkun hekk, meta wiehed jikkonsidra li l-partijiet qeghdin f’kawza ta’ separazzjoni, izda certament li hemm il-limitu ghal kollox u jidher li f’dan il-kaz, u partikolarment bl-agir ta’ l-attur, is-sitwazzjoni ddigenerat bl-attitudini konstanti ta’ l-attur li qed jinsisti, minkejja kollox, li l-kura u l-kustodja ghanda tkun f’idejh, u dan minkejja l-fatt li sa llum l-istess minuri kien u ghadu fil-kura tal-konvenuta.

Illi dan qed jinghad peress li mill-istess rapport mediku, jirrizulta li l-istess minuri qed ikun affetwat mill-litigji kontinwi bejn il-partijiet anke fil-mori tal-kawza dwar l-istess minuri, u certament li dan huwa dannu ghall-istess minuri, u certament li f’dan ir-rigward l-istess attur ikkontribiwixxa mhux ftit, peress li minkejja l-fatt li jirrizulta li huwa ghandu relazzjoni ma’ mara ohra, qed xorta jmur id-dar matrimonjali fejn l-konvenuta tghix ma’ binha, u johloq kwistjonijiet kemm dwar l-access u kemm dwar il-kura ta’ l-istess minuri, kif in-numru kbir ta’ rikorsi pprezentati minnu jindikaw b’mod mill-iktar sinfikattiv, tant li l-istess rikorsi baqghu jigu pprezentati mill-istess attur anke wara li l-kawza marret ghas-sentenza.

Illi mela jirrizulta li l-allegazzjonijiet ta’ l-attur li l-konvenuta ma tafx u m’hijiex kapaci tiehu hsieb ta’ l-istess minuri hija kompetament infondata; saret riferenza wkoll ghall-fatt li l-istess konvenuta ssofri jew kienet issofri minn dipressjoni, izda certament din m’hijiex bazi ghaliex l-istess attur ghandu jakkuza lill-konvenuta li b’hekk tat lok ghall-firda personali.

Illi fl-ewwel lok, anke jekk l-konvenuta kienet issofri minn tali kondizzjoni, certament li l-inkwiet li holqilha l-attur ma ghenx, u certament li l-agir tieghu konstanti ma ghenx sabiex il-kondizzjoni tal-konvenuta tmur ghall-ahjar, specjalment meta kellha l-kontjiet tad-dawl u ilma mhux imhallsa, kif ukoll meta rat l-akkuzi kollha li l-istess attur vanta fil-konfront taghha ghar-rigward il-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri. Illi ovvjament jekk l-attur ihoss li ghandu bazi sabiex jitlob l-annullament taz-zwieg ghar-ragunijiet allegati minnu, din ma'hijiex kawza idoneja sabiex isir dan; izda jekk l-konvenuta kienet issofri minn xi kondizzjoni anke psikologika, lanqas li tistenna li l-attur, bhala zewgha, jiehu vantagg mill-istess, u jkompli jferi lill-istess konvenuta, kif din il-Qorti thoss li l-istess attur ghamel kemm fix-xhieda tieghu u kemm fil-komportament tieghu konstanti f'din il-kawza, iktar u iktar meta jirrizulta li l-attur ma kienx veritier fil-maggoranza kbira ta' l-allegazzjonijiet tieghu, apparti li x-xhieda tieghu m'hijiex verosimili.

Illi intant jidher li l-inkwiet beda` fuq ix-xoghol ta' l-attur, li kien iqatta' hafna hin ix-xoghol, u kien jahdem gieli zewg *jobs* u minn mindu beda` jahdem l-Isptar anke hafna *overtime*; dwar dan il-konvenuta jidher li ilmentat ghaliex l-istess attur kien qed iqatta' hafna hin 'il boghod minnha u minn ibnu; sabiex jirranga dan, l-attur beda` jahdem bix-*shift*, u wieghed lill-konvenuta li kien ser iqatta' izjed zmien maghha, izda minflok gara dan beda' jahdem anke fil-granet meta kien suppost *off*, u jahdem bil-lejl, u hawn il-konvenuta bdiet tissuspetta li l-attur kien qed jibdilha ma' mara ohra.

Illi kien hawn li s-sitwazzjoni tal-konvenuta aggravat u ovvjament minhabba l-inkwiet bdiet issofri iktar minn dipressjoni. Ma hemm l-ebda dubju li l-attur meta ra lil martu f'din is-sitwazzjoni seta` almenu naqqas ftit mix-xoghol tieghu, izda jidher li proprju ghamel il-kontra u baqa' jahdem ukoll bil-lejl, bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda dubju li sahhet martu kompliet aggravat. Fil-fatt jirrizulta li martu, fil-bidu tas-sena 2002 sabet diversi notamenti ta' mhabba fil-karozza ta' l-attur, u akkuzat lill-

attur li kellu relazzjoni ma' mara ohra, u hawn bdew il-proceduri ta' separazzjoni.

Illi l-istess noti li huma esebiti bhala Dok. "NB1" sa "NB 7", l-istess attur jallega li dawn kien tahomlu certu Stephen Agius meta qallu bil-problemi tieghu ma' martu u dan sabiex huwa jkun jista' jikteb xi haga simili lill-martu – skond Stephen Agius stess dawn kienu messagi li kienet tiktiblu certa tfalja ingliza Dasha u dan jikkonferma li huwa kien tahom lill-attur sabiex jikteb dwarhom lil martu.

Illi din il-Qorti ma tistax taccetta din il-verzjoni ghaliex hija inverosimili u wkoll mhux kredibbli - fl-ewwel lok jigi nnutat li f'dak il-perjodu l-attur kien gja tilef il-fiducja tieghu f'martu u kien gja qalilha li jrid jitlaqha – ftit xhur wara z-zewg partijiet bdew il-proceduri tas-Sekond'Awla li kkolminaw f'dawk prezenti; *di piu* jidher li l-attur qatt ma ghamel uzu mill-istess messaggi ntenzjonati, skond huwa, sabiex itejbu r-relazzjoni tieghu ma' martu; ma giex spjegat ghaliex l-istess attur baqa' jzomm dawk il-karti meta huwa ma kienx qed juzahom; u jidher li l-komportament tieghu f'dak iz-zmien, kien wiehed litiguz u dispreggattiv lejn martu, fejn iktar kien jghix barra mid-dar, skond huwa dejjem xoghol, milli pprova b'xi mod jqatta' iktar hin ma' l-attrici.

Illi minkejja is-sitwazzjoni li sabet fiha l-konvenuta hija xorta wahda jidher li kienet lesta li tirranga kemm-il darba l-istess attur kien iqatta' iktar hin maghha, jaqta' mix-xoghol, u jikkonvinciha li ma kellux relazzjonijiet ma' xi mara ohra, izda l-attur baqa' jzomm l-istess ritmu ta' xoghol, mar joqghod matul il-gurnata band'ohra, qal lill-konvenuta li ma kienx ghadu jhobbha, u jirrizulta li almenu minn Frar 2002 certa Natasha Baldacchino, li tahdem mieghu fuq ix-xoghol, kellha relazzjoni mieghu, li jidher li ghadha tezisti wkoll llum. Min fuq l-istess attur qed kontinwament jghid lill-konvenuta li din qed timmagina, u kawza ta' din is-separazzjoni kienet il-kondizzjoni mentali ta' martu, li certament ma jistax ikun li f'nofs dan l-inkwiet kollu marret ghall-ahjar.

Illi fuq kollox u meta din il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-provi u x-xhieda kollha migbura, din il-Qorti thoss li x-xhieda ta' l-attur m'hijiex kredibbli, anzi thoss li kontrarjament ghal dak li allega huwa kien l-agir irresponsabbli tieghu li wassal ghal din il-kawza ta' separazzjoni, u dan billi mmaltratta lil martu f'diversi modi, mhux l-inqas billi jidher li ma halliex okkazjoni wahda sabiex jingurja u jghajjar lil martu ghaliex issofri minn dipressjoni, u f'dan is-sens huwa hati *verso* l-konvenuta ta' eccessi u mohqrija, u wkoll bil-mod konsistenti kif tratta lill-martu bhala suggetta ghalih, u kull suspett taghha dwar il-mod kif kien qed jagixxi huwa attwribwih ghal dak li huwa dejjem allega li huwa l-istat mentali taghha, haga li hija krudili minnha nnfisha, u jidher li l-attur ghamel minn kollox sabiex litteralment jnaqqas id-dinjita' tal-konvenuta u jirredikolaha, filwaqt li b'hekk huwa jkun qed jahbi, jew jittanta jahbi l-agir abusiv tieghu.

Illi dwar l-ittri jew notamenti ta' mhabba li l-istess attrici sabhet u minnha gew esebiti, din il-Qorti m'hijiex qed taccetta l-verzjoni la ta' l-attur u lanqas ta' Stephen Aguis, anzi din il-Qorti thoss li kemm l-attur u kemm l-istess xhud ma qalux il-verita' meta kienu bil-gurament, u *in vista* ta' dan qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Avukat Generali tar-Repubblika u lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu l-passi u l-proceduri kollha kriminali opportuni fil-konfront ta' l-attur u ta' l-istesx xhud a bazi tal-Kodici Kriminali anke fil-kuntest tar-reat ta' spergur kontemplat fil-**Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi apparti dan kollu din il-Qorti thoss ukoll li l-attur, minkejja x-xoghol kollu li jghid li kien jahdem xorta wahda kien izomm lill-konvenuta nieqsa mill-flus, kien jezercita u kompla jezercita fuq l-konvenuta, anke fil-mori tal-kawza vjolenza psikologika, mmirata sabiex ibaxxi lill-konvenuta b'kull mod immaginabbli, mhux l-inqas billi jghajjarha bid-difetti allegati taghha, u din tikkostitwixxi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, vjolenza domestika, li sfortunatment kienet qed issir u baqghet qed issir fil-mori tal-kawza quddiem l-istess minuri, u kienu ghalhekk li saru r-rakkomandazzjonijiet minhabba dan, mill-istess espert mediku, fejn anke

issuggerixxa li kemm jista’ jkun l-partijiet ma jghixux taht l-istess saqaf.
Illi apparti dan jirrizulta li l-attur huwa hati verso martu ta’ adulterju, u kontrarjament ghall-dak allegat mill-attur, dan l-adulterju jidher li sehh anke qabel l-istituzzjoni ta’ l-istess proceduri odjerni, u dawn ukoll ghalhekk kienu kawza tas-separazzjoni odjerna.

Illi ghalhekk f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet attrici fil-konfront ta’ martu l-konvenuta mhux biss ma gewx ippruvati, izda addirittura huma kompletament bla bazi, *stante* li din il-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda kollha prodotta thoss li dak li wassal ghas-separazzjoni ta’ bejn il-partijiet kien proprju l-agir illegalli u abusiv ta’ l-attur fil-konfront ta’ martu u dan konsistenti f’adulterju, sevizzi, theddid, mohqrija u ngurji gravi *da parte* ta’ l-istess l-attur, liema ngurji baqghu jigu pperpetrati fuq il-konvenuta anke permezz ta’ l-atti f’din il-kawza, kif din il-Qorti gja kellha okkazzjoni li tindika.

**(ii) KURA U KUSTODJA TAL-MINURI.**

Illi dwar it-tieni talba attrici l-attur qed jitlob il-kura u l-kustodja tal-minuri Kyle. Minn naha taghha l-konvenuta fil-kontro-talba taghha, ukoll fit-tieni talba qed titlob li l-kura u l-kustodja tigi fdatha f’idejha. L-attur allega diversi affarijiet fuq l-omm fosthom it-traskuragni lejn binha u li dejjem kienet thallih ghand ommu u missieru milli jkun maghha. Irrefera wkoll ghall-kondizzjoni mentali tal-konvenuta, pero’ din il-Qorti thoss li anke jekk thares lejn ix-xhieda moghtija minn Dr. John Mifsud, konsulent psikjatriku tal-konvenuta, ma rrizultax li hija ta’ xi periklu ghat-tifel jew li hija fl-impossibbilita’ li tiehu hsiebu. Fil-fatt t-tifel baqa’ jghix m’ommu minn meta l-attur telaq mid-dar u beda` b’relazzjoni ma’ haddiehor, u skond r-rapport ta’ espert mediku nominat mill-Qorti, l-istess tifel jinsab fi stat ta’ sahha fizika eccellenti, ghalkemm ovvjament il-glied bejn il-genituri tieghu, li sar anke quddiemu hallew effett negattiv fuqu u hawn din il-Qorti ser tiehu s-suggerimenti ta’ l-istess espert mediku.

Illi fil-fatt jinghad ukoll li ghalkemm intqal fix-xhieda prodotta mill-attur li t-tifel jiekol hafna *junk foods* u riedet tinghata l-impressjoni li t-tifel huwa traskurat mill-omm, dawn jibqghu biss allegazzjonijiet mhux sostanzjati. *Inoltre* fl-atti gie pprezentat ir-rapport ta' Dr Raymond Parascandolo, l-espert mediku appuntat minn din il-Qorti sabiex jezamina lill-minuri fizikament u jirrelata dwar l-istat attwali ta' sahhtu. Dr. Parascandolo rrimarka s-segwenti dwar it-tifel:-

*"Hu kien nadif, libes pulit, jidher b'sahhtu u f'kundizzjoni tajba. Fuq il-gilda tieghu ma kien hemm l-ebda sinjali ta' tbengil, hruq, grif jew griehi ohra. Hu ma kellu l-ebda sinjali ta' nuqqas ta' nutriment, u ma kienx jidher fjakk, jew li kellu xi enemija. Il-muskoli, u t-tessuti l-ohra tieghu ta' taht il-gilda kienu zviluppati sewwa. Hu ma kellu l-ebda sintomi jew sinjali klinici ta' mard fl-organi nterni tieghu."*

Illi l-espert pedjatra kkonkluda:-

*"Jiena niccertifika li waqt l-ezami mediku li wettaqt fuq il-minuri, Kyle Deemer Camilleri, jiena ma sibt l-ebda sinjali li jistghu jindikaw li hu qieghed isofri fizikament b'konsegwenza ta' traskuragni fit-trobbija tieghu. Kyle Deemer huwa tifel fizikament normali u jinsab f'kundizzjoni fizika tajba hafna."*

Illi jirrizulta pero' li minhabba l-fatt li t-tifel kellu xi problemi psikologici huwa attenda c-*Child Guidance Unit* kif ukoll attenda ghal sessjonijiet privati ta' terapija psikologika. Dr Parascandolo rrakomanda li minhabba d-dizgwid li hemm bejn il-genituri tal-minuri, u sabiex wiehed ikun zgur li ma jkunx f'riskju li jiggrava mill-aspett psikologiku, il-minuri Kyle ghandu jibqa' taht is-sorveljanza tal-Psikologu tac-*Child Guidance Unit*, u jekk, minkejja dan, Kyle ma jkunx sejjer tajjeb, ikollu wkoll is-sorveljanza ta' *social worker* ghal perjodu ta' zmien.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-prmess din il-Qorti fl-ewwel lok, tiddeciedi li l-kura u l-kustodja tal-minuri, Kyle, ghandha tkun fdata f'idejn l-omm, Susan Camilleri, b'dan li l-attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri, kif attwalment

qed jigi ezercitat illum in virtu` tad-digrieti vigenti moghtija minn din il-Qorti *pendente lite* u cjoe' ghal darbtejn fil-gimgha fil-granet li l-attur jkun *'rest'* u *'off'* mit-3.30p.m. sas-7.30p.m., b'dan li jekk gurnata jew granet minnhom jkunu fil-*weekend*, access fil-*weekend* ghandu jkun jew gurnata tas-Sibt jew il-gurnata tal-Hadd, mill-10.00a.m. sal-5.00p.m. kollox kif spjegat skond id-digriet ta' din il-Qorti datat 8 ta' Awissu 2002 u dak datat 18 ta' Novembru 2003.

Illi din il-Qorti tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex permezz tas-*social workers* taghha tibqa' timmonitorja u taghmel supervizjoni tal-kura u access ta' l-istess minuri, tara li l-istess minuri jkompli jsegwi l-kors indikat mic-*Children Guidance Unit,* u wkoll taghti lill-istess minuri l-kura kollha li hemm bzonn minhabba t-trawma li l-istess minuri jidher li ghadda minnha minhabba l-mod kif huwa gie ko-involut f'din is-separazzjoni bejn il-partijiet, b'dan li l-partijiet ghandhom jaraw li ma jaghmlu xejn sabiex ifixklu l-istess xoghol ta' l-imsemmija Agenzija, u hadd mill-partijiet ma ghandu jipprova jinfluwenza lill-istess minuri kontra l-genitur l-iehor.

Illi tali kura u kustodja u access tal-minuri mill-genitur rispettiv ghandu jigi ezercitat minn kull parti f'din il-kawza fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li m'humiex parti mill-familja ta' l-istess partijiet.

Illi din il-Qorti tipprovdi wkoll li f'gheluq snin il-genituri, l-minuri jkun mal-genitur li jkollu l-*birthday* – fil-kaz ta' l-attur jigifieri jkun ghandu mill-10.00a.m. sal-3.00p.m. Ghal dak li jirrigwarda l-festi msemmija l-attur cjoe' l-Milied, l-Ewwel tas-Sena, u l-Ghid l-attur ghandu jkollu access ghall-minuri mit-3.30p.m. sas-5.30p.m. inkluz f'eghluq snin l-istess minuri.

Illi fir-rigward ta' passaport ghall-minuri dan ghandu jkollu passaport ghalih u huwa jkun jista' jsiefer biss bil-kunsens bil-miktub taz-zewg genituri, liema kunsens m'ghandux jigi rifjutat hlief ghal ragunijiet serji. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil il-parti nteressata tkun tista' tirrikorri l-Qorti l-gudizzju ta'

liema jkun finali.  L-istess passaport ghandu jinzamm mill-konvenuta.

**(iii) MANTENIMENT.**

Illi fil-kontro-talba taghha, fit-tielet talba, Susan Camilleri talbet li tigi ffissata r-retta alimentarja ghaliha u ghat-tifel ukoll.

Illi l-attur fl-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba sostna li huwa ma jopponix ghal din it-talba *purche* illi din tirrifletti c-cirkostanzi kollha tal-kaz li ghandhom jinkludu l-introjtu ta’ l-attur u l-kapacita’ tal-konvenuta li tahdem.

Illi fis-seduta ta’ l-24 ta’ Marzu 2004, il-konvenuta talbet bhala manteniment, mitejn lira Maltija (Lm200) ghaliha u ghat-tifel (liema manteniment bhalissa huwa ta’ mija u sittin lira Maltija (Lm160) skond id-digrieti attwalment vigenti u applikabbli *pendente lite*.

Illi pero’ fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu l-attur sostna li huwa ma jhossx li ghandu jigi kkundannat ihallas retta alimentari ghall-konvenuta u dan minhabba diversi ragunijiet – kemm ghax hija hatja tal-firda taghhom, kemm ghax l-agir taghha huwa bazi soda ghall-annullament taz-zwieg taghhom, kemm ghax tali kundanna tkun ta’ piz tremend u xxekklu milli jirrealizza x-xewqa tieghu li jkollu hajja familjari normali u huwa ma jiflahx ghall-piz finanzjarju ta’ zewg familji, kif ukoll ghax il-konvenuta ghad ghandha tnejn u tletin (32) sena biss u hija ghandha l-kapacita’ li  tahdem.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma’ dak li ssottometta l-attur fin-nota tieghu. Fl-ewwel lok ma rrizultax mill-provi li l-konvenuta kienet hatja ghall-firda, izda kien l-istess attur li unikament u esklussivament ikkawza l-istess.

Illi dwar ix-xewqa tieghu li huwa jistabbilixxi familja ohra, din ovvjament hija affari ta’ l-attur, izda b’daqshekk ma jfissirx li huwa jista’ jahrab mill-obbligazzjonijiet tieghu ta’ manteniment *verso* l-konvenuta u ibnu.  Dak li jaghmel huwa, ovvjament decizjoni tieghu, li ghaliha huwa

certament ghandu jassumi r-responsabbilta’ pero’ dan ma jwassal qatt lill-istess attur sabiex jahrab mir-responsabblitajiet u l-obbligi tieghu naxxenti minn din ir-relazzjoni tieghu ta’ ragel mizzewweg.

Illi dwar dak li l-istess attur qal dwar i-konvenuta, u dan wara li ghamel kawza kollha jallega li l-konvenuta marida mentalment, din il-Qorti fic-cirkostanzi attwali jirrizulta li l-konvenuta qed tahdem billi tiehu hsieb xorta tad-dar u wkoll trabbi lil binha, u dan baqghet qed taghmlu minkejja kull allegazzjoni ta’ difett li hija giet akkuzata bih, u dan meta l-istess minuri certament li ghandu bzonn il-prezenza taghha u ghalhekk trid tiehu hsiebu.

Illi ghalhekk din il-Qorti *in vista* ta’ l-introjtu ta’ l-attur, li huwa qed jghid li ghandu tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija (Lm388) *basic pay* u mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) *overtime* fix-xahar, b’kollox hames mija u tmien liri Maltin (Lm508) fix-xahar – (fl-affidavit tieghu datat 24 ta’ Lulju 2002 qal li ghandu *basic pay* ta’ Lm399.66 fix-xahar) thoss li ghandha tiffissa l-manteniment li l-istess attur ghandhu jhallas lill-konvenuta ghaliha u ghal binha fl-ammont ta’ mitejn lira Maltija (Lm200) kull erba’ gimghat, kwantu ghall-ammont ta’ mitt lira Maltija (Lm100) kull erba’ gimghat bhala manteniment ghall-mara, u kwantu ghal mitt lira Maltija (Lm100) kull erba’ gimghat ghall-minuri, pagabbli b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-attur mill-*employer* tieghu u jintbaghat mill-istess *employer* ta’ l-attur lill-konvenuta fir-residenza u din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta’ din id-decizjoni lill-*employer* ta’ l-istess attur, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu ma’ l-istess.

**<u>(iv) Komunjoni ta’ l-akkwisti.</u>**

Illi hemm qbil li l-komunjoni ta’ l-akkwisti tikkonsisti fid-dar matrimonjali “La Fontanella”, Triq Xandru Farrugia, Tarxien li fuqha m’hemm l-ebda dejn. Tikkomprendi wkoll il-mobbli u *appliances* illi jinsabu fl-istess dar matrimonjali konsistenti fi kcina, *main bedroom* u *spare bedroom, air conditioning unit, washing machine, tumble dryer,*

*television* u *video recorder,* diversi utensili u affarijiet simili; kif ukoll vettura tal-ghamla “*Opel Astra*” Reg. No KYL – 742; kif ukoll ktieb tal-bank f’isem il-minuri, Kyle Deemer A/C Stephen Camilleri.

Illi rigward id-dar matrimonjali, id-difensuri tal-partijiet qablu li ghandha tinbiegh ghal seba` u erbghin elf lira Maltija (Lm47,000). Sussegwentement fin-nota tieghu l-attur sostna li l-kontendenti qablu l-istess dar matrimonjali hija stmata li tiswa tmienja u erbghin elf lira Maltija (Lm48,000) u li din ghandha tinbiegh flimkien mal-kcina, l-*main bedroom* u l-*ispare bedroom* u l-*air conditioning unit.*

Illi ghalhekk din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta’ dak li kien il-fond matrimonjali “La Fontanella”, Triq Xandru Farrugia, Tarxien, flimkien mal-kcina, l-*main bedroom* u l-*ispare bedroom* u l-*air conditioning unit,* b’dan li r-rikavat l-ewwel jithallas kull dejn li hemm fuq l-istess immobbli mal-bank, tigi assenjata s-somma ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) lill-konvenuta bhala kumpens ghas-sehem taghha mill-karozza, Opel Astra li qed tigi b’din id-decizjoni assenjata lill-attur, kif iktar ‘il quddiem hemm indikat f’din is-sentenza u l-bilanc mir-rikavat ta’ l-istess bejgh ta’ l-immobbli u l-oggetti fuq indikati ghandu wara jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti tordna b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u sakemm l-istess bejgh jigi ffinalizzat, l-konvenuta ghandha tghix fl-imsemmi immobbli flimkien ma’ binha bl-eskluzjoni ta’ l-attur, li b’effett mid-data ta’ din is-sentenza qed jigi ordnat sabiex jizgombra mill-istess fond anke bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 55 A tal-Kap 16.**

Illi dwar l-*appliances* din il-Qorti *arbitro boni viri* qed tassenja lill-attur *tumble dryer* u *video recorder*, filwaqt li lill-konvenuta qed tassenjaha *television* u *washing machine* fil-waqt li l-bjankerija, *kenwood*, sett tal-fuhhar, magna tal-kafe’ ghandhom jigi assenjati wkoll lill-attrici bhala beni parafernali taghha.

Illi dwar l-utensili u affarijiet ohra tad-dar l-attur iddikjara fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu li mhux qed javvanza

pretensjonijiet u ghalhekk dawn jigu assenjati lill-konvenuta in sodisfazzjon tas-sehem taghha tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-vettura tal-Marka *Opel Astra* tigi assenjata lill-attur flimkien mad-dejn kollu li hemm fuq l-istess vettura, b’dan li l-istess attur ghandu jhallas lill-konvenuta l-ammont ta’ elfejn lira Maltija (Lm2,000) bhala kumpens lill-konvenuta, liema somma ghandha titnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tal-fond immobbli fuq indikat, u tithallas lill-attrici, u b’dan li l-bilanc tar-rikavat ta’ l-istess bejgh (wara li l-ewwel tithallas l-istess somma ta’ Lm2,000) ta’ l-istess immobbli jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet; din il-Qorti tordna wkoll li kull parti thallas ukoll kull dejn allegat f’dan l-atti dovut lill-genituri rispettivi taghhom, b’dan li l-konvenuta thallas hija d-dejn allegatament dovut lill-genituri taghha, u l-attur ihallas id-dejn kollu allegat li huwa dovut lill-genituri tieghu.

Illi fl-ahharnett fir-rigward tal-ktieb tal-bank f’isem il-minuri, Kyle Deemer A/C Stephen Camilleri, l-flus li hemm u li jistghu jitpoggew huma proprjeta’ ta’ l-istess minuri u sakemm jaghlaq it-tmintax-il sena hadd mill-partijiet ma m’ghandu jmiss l-istess ammonti, hlief bid-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti. Dan il-kont ghandu jibqa’ jigi amministrat mill-istess attur u mill-konvenuta flimkien.

## <u>IV. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma’ dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad in parte l-ewwel talba attrici, u tichad it-tieni, it-tielet, il-hames, u s-sitt talba attrici tilqa’ t-talbiet attrici** l-ohra bis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

1) Tichad l-ewwel talba attrici *stante* li s-separazzjoni personali giet ikkawzata minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur nnifsu esklussivament u ghalhekk tawtorizza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-istess attur u dan *stante* li rrenda ruhhu

hati *verso* l-konvenuta ta' adulterju, sevizzi, theddid, mohqrija u ingurji gravi li kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment.

(2) Tichad it-tieni talba attrici ghar-raguijiet premessi u minflok takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri, Kyle Deemer Camilleri, lil ommu l-konvenuta, Susan Camilleri, b'dan li l-attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri, kif attwalment qed jigi ezercitat illum in virtu' tad-digrieti vigenti moghtija minn din il-Qorti *pendente lite* u cjoe' ghal darbtejn fil-gimgha fil-granet li l-attur jkun *'rest'* u *'off'* mit-3.30p.m. sas-7.30p.m., b'dan li jekk gurnata jew granet minnhom jkunu fil-*weekend*, access fil-*weekend* ghandu jkun jew gurnata tas-Sibt jew il-gurnata tal-Hadd, mill-10.00a.m. sal-5.00p.m. kollox kif spjegat skond id-digriet ta' din il-Qorti datat 8 ta' Awissu 2002 u dak datat 18 ta' Novembru 2003.

Illi din il-Qorti tinnomina wkoll lill-Agenzija Appogg sabiex permezz tas-*social workers* taghha tibqa' timmonitorja u taghmel supervizjoni tal-kura u access ta' l-istess minuri, tara li l-istess minuri jkompli jsegwi l-kors indikat mic-*Children Guidance Unit,* u wkoll taghti lill-istess minuri l-kura kollha li hemm bzonn minhabba t-trawma li l-istess minuri jidher li ghadda minnha minhabba l-mod kif huwa gie ko-involut f'din is-separazzjoni bejn il-partijiet, b'dan li l-partijiet ghandhom jaraw li ma jaghmlu xejn sabiex ifixxklu l-istess xoghol ta' l-imsemmija Agenzija, u hadd mill-partijiet m'ghandu jipprova jinfluwenza lill-istess minuri kontra l-genitur l-iehor.

Illi tali kura u kustodja u access tal-minuri mill-genitur rispettiv ghandu jigi ezercitat minn kull parti f'din il-kawza fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li m'humiex parti mill-familja ta' l-istess partijiet.

Illi din il-Qorti tipprovdi wkoll li f'gheluq snin il-genituri, l-minuri jkun mal-genitur li jkollu l-*birthday* – fil-kaz ta' l-attur jigifieri jkun ghandu mill-10.00a.m. sal-3.00p.m. Ghal dak li jirrigwarda l-festi msemmija l-attur cjoe' l-Milied, l-Ewwel tas-Sena, u l-Ghid l-attur ghandu jkollu access ghall-

minuri mit-3.30p.m. sas-5.30p.m. inkluz f'eghluq snin l-istess minuri.

Illi fir-rigward ta' passaport ghall-minuri, dan ghandu jkollu passaport ghalih u huwa jkun jista' jsiefer biss bil-kunsens bil-miktub taz-zewg genituri, liema kunsens m'ghandux jigi rifjutat hlief ghal ragunijiet serji. F'kaz ta' nuqqas ta' qbil il-parti nteressata tkun tista' tirrikorri l-Qorti, l-gudizzju ta' liema jkun finali. L-istess passaport ghandu jinzamm mill-konvenuta.

(3) Tichad it-tielet talba attrici *stante* li rrizulta li s-separazzjoni sehhet minhabba tortijiet imputabbli lill-attur stess.

(4) Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar it-talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta' dak li kien il-fond matrimonjali "La Fontanella", Triq Xandru Farrugia, Tarxien, flimkien mal-kcina, l-*main bedroom* u l-*ispare bedroom* u l-*air conditioning unit,* b'dan li mir-rikavat, l-ewwel jithallas kull dejn li hemm fuq l-istess immobbli mal-bank, u tigi assenjata s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) lill-konvenuta bhala kumpens ghas-sehem taghha mill-karozza Opel Astra, li qed tigi b'din id-decizjoni assenjata lill-attur, kif iktar 'il quddiem hawn indikat f'din is-sentenza u l-bilanc mir-rikavat ta' l-istess bejgh ta' l-immobbli u l-oggetti fuq indikati ghandu wara jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti tordna wkoll b'effett mid-data ta' din is-sentenza u sakemm l-istess bejgh jigi ffinalizzat, il-konvenuta ghandha tghix fl-imsemmi mmobbli flimkien ma' binha bl-eskluzjoni ta' l-attur, li b'effett mid-data ta' din is-sentenza qed jigi ordnat sabiex jizgombra mill-istess fond anke bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16** u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi dwar l-*appliances*, din il-Qorti *arbitro boni viri* qed tassenja lill-attur *tumble dryer* u *video recorder*, filwaqt li lill-konvenuta qed tassenjalha t-*television* u *washing machine* fil-waqt li l-bjankerija, *kenwood,* sett tal-fuhhar, magna tal-kafe’ ghandhom jigi assenjati wkoll lill-attrici bhala beni parafernali taghha.

Illi dwar l-utensili u affarijiet ohra tad-dar l-attur iddikjara fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu li mhux qed javvanza pretensjonijiet u ghalhekk dawn jigu assenjati lill-konvenuta in sodisfazzjon tas-sehem taghha tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-vettura tal-Marka *Opel Astra* Reg. No KYL – 742 tigi assenjata lill-attur flimkien mad-dejn kollu li hemm fuq l-istess vettura, b’dan li l-istess attur ghandhu jhallas lill-konvenuta l-ammont ta’ elfejn lira Maltija (LM2,000) bhala kumpens ghas-sehem taghha mill-istess vettura, liema somma ghandha titnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tal-fond immobbli fuq indikat, u tithallas lill-attrici, u b’dan li l-bilanc tar-rikavat ta’ l-istess bejgh (wara li l-ewwel tithallas l-istess somma ta’ Lm2,000) ta’ l-istess immobbli jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet; din il-Qorti tordna wkoll li kull parti thallas ukoll kull dejn allegat f’dawn l-atti dovut lill-genituri rispettivi taghhom, b’dan li l-konvenuta thallas hija d-dejn allegatament dovut lill-genituri taghha, u l-attur ihallas id-dejn kollu allegat li huwa dovut lill-genituri tieghu.

Illi fl-ahharnett fir-rigward id-depozitu bankarju u l-ktieb tal-bank f’isem il-minuri, Kyle Deemer A/C Stephen Camilleri, l-flus li hemm u li jistghu jitpoggew dan ghandhom jibqghu proprjeta’ ta’ l-istess minuri u sakemm jaghlaq it-tmintax (18)-il sena, hadd mill-partijiet ma m’ghandu jmiss l-istess ammonti, hlief bid-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti.  Dan il-kont ghandu jibqa’ jigi amministrat mill-istess attur u mill-konvenuta flimkien.

(5) Tichad il-hames talba attrici *stante* li ma hemmx bzonnha.

(6) Tichad is-sitt talba attrici *stante* li ma gewx prodotti provi li l-konvenuta ghandha xi proprjeta’ parafernali tal-konvenut fil-pussess taghha.

Bl-ispejjez kollha ta’ l-azzjoni attrici a karigu ta’ l-attur inkluz l-ispejjez kollha tal-perit mediku nnominat mill-Qorti u ta’ l-Agenzija Appogg.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba** tal-konvenuta, din il-Qorti **taqta’** u **tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta’ l-attur rikonvenzjonat, u filwaqt li tichad is-sitt talba u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha **tilqa’ t-talbiet l-ohra ta’ l-istess konvenuta fil-kontro-talba taghha** biss fis-sens hawn premess b’dan illi:-

(1) Tilqa’ l-ewwel talba tal-kontro-talba tal-konvenuta bil-mod kif diga’ semmiet aktar ‘il fuq cjoe’ li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur nnifsu esklussivament u ghalhekk tawtorizza s-separazzjoni personali bejn il-konjugi minhabba ragunijiet imputabbli biss lill-istess attur u dan *stante* li rrenda ruhhu hati *verso* l-konvenuta ta’ adulterju, sevizzi, theddid, mohqrija u ngurji gravi li kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment.

(2) Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri, Kyle Camilleri, tigi fdata f’idejn il-konvenuta rikonvenjenti bil-mod kif diga’ spjegat, b’dan li l-attur ghandu jkollu access ghall-istess minuri, kif attwalment qed jigi ezercitat illum in virtu’ tad-digrieti vigenti moghtija minn din il-Qorti *pendente lite* u cjoe’ ghal darbtejn fil-gimgha fil-granet li l-attur jkun *‘rest’* u *‘off’* mit-3.30p.m. sas-7.30p.m., b’dan li jekk gurnata jew granet minnhom jkunu fil-*weekend*, access fil-*weekend* ghandu jkun jew gurnata tas-Sibt jew il-gurnata tal-Hadd, mill-10.00a.m. sal-5.00p.m. kollox kif spjegat skond id-digriet ta’ din il-Qorti, datat 8 ta’ Awissu 2002 u dak datat 18 ta’ Novembru 2003.

Illi din il-Qorti tinnomina wkoll lill-Agenzija Appogg sabiex permezz tas-*social workers* taghha tibqa’ timmonitorja u

taghmel supervizjoni tal-kura u access ta’ l-istess minuri, tara li l-istess minuri jkompli jsegwi l-kors indikat mic-*Children Guidance Unit,* u wkoll taghti lill-istess minuri l-kura kollha li hemm bzonn minhabba t-trawma li l-istess minuri jidher li ghada minnha minhabba l-mod kif huwa gie ko-involut f’din is-separazzjoni bejn il-partijiet, b’dan li l-partijiet ghandhom jaraw li ma jaghmlu xejn sabiex ifixklu l-istess xoghol ta’ l-imsemmija Agenzija, u hadd mill-partijiet m’ghandu jipprova jinfluwenza lill-istess minuri kontra l-genitur l-iehor.

Illi tali kura u kustodja u access tal-minuri mill-genitur rispettiv ghandu jigi esercitat minn kull parti f’din il-kawza fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li m’humiex parti mill-familja ta’ l-istess partijiet.

Illi din il-Qorti tipprovdi wkoll li f’gheluq snin il-genituri, l-minuri jkun mal-genitur li jkollu l-*birthday* – fil-kaz ta’ l-attur jigifieri jkun ghandu mill-10.00a.m. sal-3.00p.m. Ghal dak li jirrigwarda l-festi msemmija, cjoe’ l-Milied, l-Ewwel tas-Sena, u l-Ghid, l-attur ghandu jkollu access ghall-minuri mit-3.30.p.m. sas-5.30.p.m. inkluz f’eghluq snin l-istess minuri.

Illi fir-rigward ta’ passaport ghall-minuri dan ghandu jkollu passaport ghalih u huwa jkun jista’ jsiefer biss bil-kunsens bil-miktub taz-zewg genituri, liema kunsens m’ghandux jigi rifjutat hlief ghal ragunijiet serji.  F’kaz ta’ nuqqas ta’ qbil il-parti nteressata tkun tista’ tirrikorri l-Qorti l-gudizzju ta’ liema jkun finali.  L-istess passaport ghandu jinzamm mill-konvenuta.

(3) Tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-istess attur, Stephen Camilleri ghandu jhallas lill-konvenuta ghaliha u ghal binha, r-retta alimentari fl-ammont ta’ mitejn Lira Maltija (Lm200), kull erba’ gimghat, kwantu ghall-ammont ta’ mitt lira Maltija (Lm100) kull erba’ gimghat bhala manteniment ghall-mara, u kwantu ghal mitt lira Maltija (Lm100) kull erba’ gimghat ghall-minuri, pagabbli b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-attur mill-*employer* tieghu u jinbaghat mill-istess *employer* ta’ l-attur lill-konvenuta fir-

residenza u din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din id-decizjoni lill-*employer* ta' l-istess attur, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhhu ma' l-istess.

Tordna wkoll lill-attur ihallas il-manteniment kollu *pendente lite* dovut sa llum.

(4) Tilqa' r-raba' talba u tapplika kontra l-attur id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** fl-intier taghhom.

(5) Tilqa' l-hames talba tal-kontro-talba bil-mod kif premess gja konsegwenti ghac-citazzjoni attrici b'dan illi tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar it-talba ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, din il-Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta' dak li kien il-fond matrimonjali "La Fontanella", Triq Xandru Farrugia, Tarxien, flimkien mal-kcina, l-*main bedroom* u l-*ispare bedroom* u l-*air conditioning unit,* b'dan li mir-rikavat l-ewwel jithallas kull dejn li hemm fuq l-istess immobbli mal-bank, u tigi assenjata s-somma ta' elfejn lira Maltija (Lm2,000) lill-konvenuta bhala kumpens ghas-sehem taghha, mill-karozza Opel Astra, li qed tigi b'din id-decizjoni assenjata lill-attur, kif iktar 'il quddiem hawn indikat f'din is-sentenza u l-bilanc mir-rikavat ta' l-istess bejgh ta' l-immobbli u l-oggetti fuq indikati ghandu wara jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi l-Qorti tordna wkoll b'effett mid-data ta' din is-sentenza u sakemm l-istess bejgh jigi ffinalizzat, il-konvenuta ghandha tghix fl-imsemmi mmobbli flimkien ma' binha bl-eskluzjoni ta' l-attur, li b'effett mid-data ta' din is-sentenza qed jigi ordnat sabiex jizgombra mill-istess fond anke bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16** u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi dwar l-appliances din il-Qorti *arbitro boni viri* qed tassenja lill-attur *tumble dryer* u *video recorder*, filwaqt li

lill-konvenuta qed tassenjalha t-*television* u *washing machine* fil-waqt li l-bjankerija, *kenwood,* sett tal-fuhhar, magna tal-kafe' ghandhom jigi assenjati wkoll lill-attrici bhala beni parafernali taghha.

Illi dwar l-utensili u affarijiet ohra tad-dar l-attur iddikjara fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li mhux qed javvanza pretensjonijiet u ghalhekk dawn jigu assenjati lill-konvenuta in sodisfazzjon tas-sehem taghha tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-vettura tal-Marka *Opel Astra* Reg. No KYL – 742 tigi assenjata lill-attur flimkien mad-dejn kollu li hemm fuq l-istess vettura, b'dan li l-istess attur ghandu jhallas lill-konvenuta, l-ammont ta' elfejn lira Maltija (LM2,000) bhala kumpens ghas-sehem taghha mill-istess vettura, liema somma ghandha titnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tal-fond immobbli fuq indikat, u tithallas lill-attrici, u b'dan li l-bilanc tar-rikavat ta' l-istess bejgh (wara li l-ewwel tithallas l-istess somma ta' Lm2,000) ta' l-istess immobbli jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet; din il-Qorti tordna wkoll li kull parti thallas ukoll kull dejn allegat f'dan l-atti dovut lill-genituri rispettivi taghhom, b'dan li l-konvenuta thallas hija d-dejn allegatament dovut lill-genituri taghha, u l-attur ihallas id-dejn kollu allegat li huwa dovut lill-genituri tieghu.

Illi fl-ahharnett fir-rigward id-depozitu bankarju u l-ktieb tal-bank f'isem il-minuri, Kyle Deemer A/C Stephen Camilleri, l-flus li hemm u li jistghu jitpoggew dawn ghandhom jibqghu proprjeta' ta' l-istess minuri u sakemm jaghlaq it-tmintax (18)-il sena hadd mill-partijiet ma m'ghandu jmiss l-istess ammonti, hlief bid-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti. Dan il-kont ghandu jibqa' jigi amministrat mill-istess attur u mill-konvenuta flimkien.

(6) Tichad is-sitt talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha *stante* li ma hemmx bzonnha.

(7) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess talba hlief ghal dak li din il-Qorti gja provdiet b'konsegwenza tal-hames talba ta' din il-kontro-talba.

(8) Tilqa' t-tmien talba u tawtorizza lill-konvenuta rikonvenjenti illi tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din il-Qorti.
Bl-ispejjez ta' din il-kontro-talba jithallsu wkoll mill-attur.

Illi *inoltre* minhabba li l-attur kkomporta ruhhu f'din il-kawza, kif din il-Qorti indikat f'din is-sentenza b'dan li abbuza bil-bosta mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless anke min-numru kbir u nterminabbli ta' rikorsi pprezentati mill-istess attur *pendente lite*, (ma' l-14 il-wiehed jew izjed) din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attur ihallas is-somma ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Illi l-Qorti tordna wkoll li kopja legali ta' din is-sentenza ghandha tigi notifikata a spejjez tal-konvenuta lill-Avukat Generali u lill-Kummissjarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu l-passi u l-proceduri kollha kriminali opportuni fil-konfront ta' l-attur, Stephen Camilleri u tax-xhud Stephen Agius ta' 27B, Loggia 13, San Puse' Lane, B'Kara, a bazi tal-**Kodici Kriminali** anke fil-kuntest tar-reat ta' spergur kontemplat fil-**Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** wara *occorendo* li jsiru l-investigazzjonijiet kollha necessarji skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------